MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2008

Numru 645/2008

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)

vs

Robert Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 105573(M) akkuzat talli:

1. nhar it-22 ta’ Lulju, 2008 ghall-habta tat-3am minn gewwa mahzen bla numru li jinsab biswit il-hanut bl-isem “Daily Needs” li jinsab fi Triq il-Kanun Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ erba’ pakketti luminata ‘Coca Cola’, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin;

2. fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioè li jikkommetti serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi s-somma ta’ 2330 Ewro (Lm1000), u bil-hin u billi wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor billi kisser il-lock tal-bieb tal-mahzen bla numru biswit il-hanut “Daily Needs” liema ammont ma jiskorrix il-116.50 Ewro (Lm50) izda izjed minn 23.3 Ewro (Lm10).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkunsidrat:

Li fuq l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat ssibu hati tal-akkuzi.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278, 41, 279(b), 17 tal-Kap 9.

Hadet in konsiderazzjoni l-entità u l-valur tar-refertiva effettiment misruqa filwaqt li mhux kontestat mill-imputat fil-fond kien hemm oggetti ohra li l-valur taghhom kien jeccedi 2330 euro.

Tiddeciedi wara li qieset kollox li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-zmien sena mil-lum.

Spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------